ABBOZZ TA' LIĠI
Msejjaħ

*ATT biex jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, Kap. 549.*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

Kap. 549.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2021 li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 6(9) tal-Att prinċipali.

**2.** Fl-artikolu 6 tal-Att prinċipali, is-subartikolu (9) għandu jkun rinumerat bħala subartikolu (9)(a) u minnufih wara għandhom jiddaħħlu s-subartikoli (9)(b), (ċ) u (d) li ġejjin:-

"(9)(b) Bla ħsara għall-ġeneralita` tad-dispożizzjonijiet ta' paragrafu (a) hawn fuq, il-proċedimenti tal-Awtorita` għandhom jinżammu fil-pubbliku, fejn il-pubbliku kkonċernat għandu jingħata opportunitajiet minn kmieni u effettivi sabiex jipparteċipa f'dawn il-proċeduri.

(9)(c) Il-membri tal-pubbliku kkonċernati li jkollhom interess suffiċjenti għandhom jingħataw aċċess għal proċedura ta' reviżjoni quddiem it-Tribunal biex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali ta' dawn il-proċedimenti. Appell jista' jiġi ppreżentat quddiem it-Tribunal fi żmien tletin jum wara l-att tal-Awtorita` li jkun qed isir appell minnu. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 41 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp għandhom japplikaw għal din il-proċedura t'appell.

Kap. 504.

(9)(d) Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' paragrafu (ċ) hawn fuq, l-interess ta' kull organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-ħarsien ambjentali u li tissodisfa kwalunkwe rekwiżit skont il-liġi nazzjonali għandu jitqies biżżejjed."

Emenda tal-artikolu 6(10) tal-Att prinċipali.

**3.** Fl-artikolu 6 tal-Att prinċipali, is-subartikolu (10) għandu jkun rinumerat bħala subartikolu (10)(a) u minnufih wara għandhom jiddaħħlu s-subartikoli (10)(b), (ċ) u (d) li ġejjin:-

“10(b) Il-kopja tal-aġenda, il-minuti u d-dokumenti relattivi tal-laqgħat imsemmija f’paragrafu (a) hawn fuq, għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku kkonċernat.

10(c) L-Awtorità għandha tiżgura li l-pubbliku interessat jingħata opportunitajiet minn kmieni u effettivi sabiex jipparteċipa fil-proċedimenti tal-istess Awtorita`.

10(d) Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta’ paragrafu (b) u (ċ) hawn fuq, l-Awtorita` għandha tagħmel disponibbli lill-pubbliku, inkluż permezz tal-internet, id-dokumenti relevanti kollha.”

**Għanijiet u Raġunijiet**

L-għanijiet u r-raġunijiet ta’ dan l-Abbozz huma li jassiguraw trasparenza fil-proċedimenti tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi billi l-pubbliku kkonċernat u kull organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-ħarsien ambjentali jingħataw opportunitajiet minn kmieni u effettivi sabiex jipparteċipaw fil-proċedimenti tal-istess Awtorita`, flimkien ma’ aċċess għal proċedura ta’ reviżjoni quddiem it-Tribunal.